MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 182/2012

**A B**

**vs.**

**C D, maghrufa wkoll bhala C D B;**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku; u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2012 C D giet nominata bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-minuri G B D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

A. Dikjarazzjoni tal-Fatti:-

1. Illi l-esponenti kien mizzewweg lill-intimata C D sakemm dawn isseparaw nhar it-13 ta' Ottubru 2010 skond kif jirrizulta mill-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali

taghhom [illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. A**];

2. Illi l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2008 meta effettivament il-konvenuta C D bdiet relazzjoni adultera ma' ragel iehor;

3. Illi nhar it-22 ta' Mejju 2011, wara li gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn l-esponenti u l-konvenuta C D, l-istess C D welldet tifel, illi nghata l-isem ta' G;

4. Illi l-imsemmi minuri G gie registrat fl-Att tat-Twelid bhala iben l-esponenti ai termini ta' l-Artikolu 68 tal- Kodici Civili [kopja originali ta' l-imsemmi Att tat-Twelid, qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. B**];

5. Illi kemm it-tqala kif ukoll it-twelid tal-imsemmi minuri nzamm mistur lill-esponenti li skopra biss fit-22 ta' Gunju 2012 dwar dawn il-fatti meta persuna maskili li sejjah lilu nnifsu bhala Jason kuljomu mhux maghruf ikkuntatjatu fuq it-telefon cellular tieghu;

6. Illi sussegwentement, saru t-testijiet ta' DNA relattivi ghall-minuri G maghruf bil-kunjom B D, u jirrizulta mir-Rapport Relattiv datat 7 ta' Awwissu 2012, u redatt minn Marisa Cassar, *Laboratory Director* fi hdan MLS B*io*DNA Limited, illi l-possibilita` illi l-esponenti huwa l-missier biologiku ta' G maghruf bil-kunjom B D, hija totalment inezistenti [Kopja tar-Rapport redatt minn Marisa Cassar qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. C]**;

7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jrid illi l-imsemmi minuri G maghruf bil-kunjom B D, ma jibqax maghruf bhala ibnu, stante illi kjarament, dan mhux il-kaz;

**8.** Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati, huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;

B. <u>Raguni tat-Talba</u>

Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-minuri G maghruf bil-kunjom B D ma huwiex iben l-esponenti, u tordna illi ssir il-korrezzjoni necessarja fl-Att tat-Twelid relattiv, stante illi jirrizulta kjarament illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta' paternita` bejn l-esponenti u l-imsemmi minuri;

C. <u>Talbiet</u>

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Previa kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opera, occorrendo, ta' i nominandi, tiddikjara illi l-minuri G maghruf bil-kunjom B D ma huwiex iben l-esponenti;

2. Tordna illi l-Att tat-Twelid Numru 1959/2011 jigi korrett fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti "*Taghrif Dwar Missier It-Tarbija*", isem u kunjom l-esponenti, il-professjoni, l-eta` u l-konnotati dwar fejn l-istess esponenti twieled u joqghod, u dwar missier l-esponenti, b'mod illi t-tarbija G maghruf bil-kunjom B D, jigi dikjarat iben missier mhux maghruf, jew iben terza persuna illi tista' talvolta tirrizulta, u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jigu mhassra l-kliem *"the father"*, billi jigi ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C D, inkluz ghal hlas tar-Rapport tad-DNA, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenuti kollha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa tal-inqas

waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Hemm qbil illi l-minuri G maghruf bil-kunjom B D ma huwiex iben l-attur;
2. Hemm qbil illi l-Att tat-Twelid numru 1959/2011 ghandu jigi korrett kif indikat fit-tieni talba attrici;
3. Ma hemmx qbil dwar spejjez u dan peress illi ma huwiex minnu illi l-minuri nzamm mistur jew li kien hemm xi forma ta' ingann jew opposizzjoni da parti ta' l-intimata sabiex isiru proceduri biex titranga s-sitwazzjoni u ghalhekk hija titlob illi l-ispejjez jigi mhallsa b'mod indaqs bejn il-partijiet;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri ;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda ta' C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsiat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri G B D li twieled nhar it-22 ta' Mejju 2011, twieled seba' xhur wara li l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-13 ta' Ottubru 2010, liema kuntratt gie publikat fl-Atti tan-Nutar . Robert Aquilina u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie mnizzel bhala l-wild naturali tar-rikorrent, l-istess minuri m'huwiex ibnu naturali. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b''missier mhux maghruf'.

Illi min-naha taghha, l-intimata . C D tiddikjara li huwa minnu li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent.

L-intimat J S, permezz tan-nota tieghu datata d-29 ta' Mejju 2012, ammetta t-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors guramentat.

Min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jressaq l-ebda eccezzjonijiet ta' natura preliminari u konsegwentement, kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri G B D twieled nhar it-22 ta' Mejju 2011[1] twieled wara biss seba' xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimata . C D[2] (13 ta' Ottubru 2010) u konsegwentement ma kienux ghaddew it-tlett mitt (300) gurnata relattiva sabiex taqa' l-presunzjoni legali li sakemm jghaddi t-trapass ta' dawn it-tlett mitt (300) gurnata, ir-rikorrent jitqies li huwa l-missier naturali tal-minuri. Dan jikkonfermah bil-gurament tieghu fir-rikors promotur li taw bidu ghall-proceduri odjerni.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[3] ir-rikorrenti irnexxielu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri G B D verament mhux il-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex it-tifel tar-rikorrent. Dan ghaliex permezz tar-risposta guramentata taghha, l-intimata tammetti t-talbiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhux il-wild naturali tar-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri G B D m'hux il-wild naturali tar-rikorrent;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' G B D b'dan illi l-konnotati tar-rikorrent A B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf';

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn ir-rikorrenti u l-intimata C D ad eccezzjoni tal-ispejjez tat-testijiet tad-DNA li jridu jithallsu mill-intimata C D.

---

[1] Ara a fol 11 tal-process
[2] Ara a fol 5 tal-process
[3] Esebit a fol 12 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------